MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2009

Citazzjoni Numru. 770/2007

**Eugenio Cutajar Forte**

**Vs**

**Gawhra Limited**
**(C-4528)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Eugenio Cutajar Forte fejn dan, wara li ppermetta illi:

L-attur b'kuntratt ippublikat min-Nutar Gambin nhar it-3 ta' Novembru 1984, hawn anness u mmarkat bhala Dok ECF1, assenja u ttrasferixxa in piena u assoluta propjeta' lill-kumpanija Gawhra Limited li accettat u b'titolu ta' permute akkwista minghandu porzjoni diviza ta' art fabbrikali hekk kif deskritt fil-kuntratt hawn anness bil-

pussess vakanti u bid-drittijiet u l-pertinanazi kollha u bhala soggetta ghac-cens annwu u perpetwu ta’ Lm180.

Fuq din l-art is-socjeta’ konvenuta kkostruwit numru t’appartamenti u garaxxijiet. Dawn kollha gew mibjugha u ttrasferiti lil terzi. Meta gara dan naturalment ic-cens gie maqsum bejn diversi propjetarji godda salv l-arja li giet ritenuta mis-socjeta’ konvenuta.

Is-socjeta’ konvenuta llum tinsab debitrici tas-socjeta’ attrici fis-somma ta’ Lm855 sas-sena 2006 rapprezentanti ta’ aktar minn tlett snin cens, dovuti ghal diversi skadenzi mill-1988.

Nonostante nterpellata sabiex thallas din is-somma, is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

L-attur jixtieq li jintrad lura l-arja bhala hielsa minn kull privilegg, ipoteki, piz jew servitu’.

Talab ir-rikorrent jghid lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

Tiddikjara li l-koncessjoni enfitewtika ta’ l-arja hawn fuq imsemmija, moghtija favur is-socjeta’ konvenuta Gawhra Limited bis-sahha tal-kuntratt redatt quddiem in-Nutar Gambin nhar it-3 ta’ Novembru 1984 giet terminata minhabba li s-socjeta’ konvenuta ghandha taghti bhala cens lill-attur somma li tirraprezenta aktar minn tlett snin arretrati ta’ cens.

Tiddikjara konsegwentament illi avverat ruhha l-konsolidazzjoni tal-utili mad-dirett dominju tal-istess arja bil-miljoramenti kollha ezistenti hielsa minn kull privilegg, ipoteka, piz jew servitu’ talvolta gravanti fuq l-istess fond.

Tikkundanna konsegwentament lis-socjeta’ konvenuta sabiex tirrilaxxa favur l-attur l-arja hawn fuq deskritta u minnha impossedut, bil-miljoramenti hemmhekk ezistenti u dan f’terminu li jigi lilha prefiss minn din il-Qorti.

Tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' Lm855 oltre l-imghax legali mill-1988, arretrati ta' cens annwu u perpetwu impost fuq l-arja in kwistjoni.

Tinnomina nutar sabiex jippublika l-att tar-rilaxx fil-gurnata hin u lok li tiddetermina l-istess Qorti u kuraturi biex jirraprezentaw l-ekwivalenti kontumaci fuq l-imsemmi att.

Rat li, ghalkemm debitament notifikata, is-socjeta' konvenuta naqset milli tipprezenta ebda twegiba ghall-kawza u lanqas ma deher ghas-seduta ebda rapprezentant tal-istess socjeta'.

Rat id-dokumenti esibiti.

Semghet lix-xhud prodott.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Fil-kontumacja tal-istess socjeta', Gawhra Limited, din il-qorti ssib it-talbiet tal-attur pruvati u ghalhekk:

1. Tilqa' l-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba.

3. Tilqa' t-tielet talba.

4. Tilqa' r-raba' talba.

5. Tilqa' l-hames talba fis-sens li tordna lis-socjeta', Gawhra Limited, fi zmien xahar tersaq ghall-publikazzjoni tal-att ta' rilaxx. Fin-nuqqas, il-Qorti tinnomina minn issa lin-Nutar Mary Grech Pace biex tippubblika l-att relattiv. Il-Qorti tinnomina minn issa lill-avukat Josette Grech biex tirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-att.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Gawhra Limited.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------